MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tat-23 ta' Frar, 2007

Talba Numru. 1992/2003

**Korporazzjoni Enemalta**

**Vs**

**Daniel Borg**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz li permezz tieghu l-atturi talbu hlas lill-korporazzjoni attrici fis-somma ta' elf mija u tmintax-il Lira u disgha u ghoxrin centezmi (LM1118.29) li huma hsarat li sehhew fl-20 ta' Frar, 2001 fi Triq William Reid, Gzira, fejn il-konvenut ikkaguna hsara fil-*cable* tad-dawl proprjeta' tal-Korporazzjonni attrici bhala rizultat ta' imperizja u traskuragni attribwibbli unikament ghal-konvenut;

Illi minkejja li l-konvenut gie interpellat diversi drabi biex ihallas, dan il-hlas baqa' ma giex ezegwit.

Ghaldaqstant il-korporazzjoni attrici titlob li l-konvenut jigi ddikjarat responsabbli ghad-danni kkagunati lilha u titlob

li jigi kkundannat ihallas is-somma hawn fuq indikata ta' elf mija u tmintax-il Lira Maltin u disgha u ghoxrin centezmi (LM1118.29) rapprezentanti danni sofferti mill-korporazzjoni attrici.

Bl-Ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali prezentata fit-18 ta' Frar, 2003 u bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv.

Ra r-Risposta tal-konvenut Daniel Borg fejn gie sollevat illi t-talbiet attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt stante li x-xoghlijiet fil-lok u hin li saru l-hsarat fil-*cable* tad-dawl fi Triq William Reid, Gzira, kienu qed isiru mill-Water Services Corporation jew kuntratturi taghha;

Illi fil-fatt il-konvenut kien gie liberat mill-Qorti tal-Magistrati mill-akkuzi konnessi mall-istess incident.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-ammont mitlub huwa kontestat stante illi l-konvenut m'ghanatax il-fakulta' li jahtar *surveyor* biex jirraporta dwar il-hsarat allegatament sofferti mill-atturi.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra x-xhieda ta' Paul Galea, Jospeh Plevin, PS 16 Martin Cordina, Twanny
Zahra, Ernest Fava, Daniel Borg, Raymond Galea, Lawrence Bugeja, Ian
Vella, Keith Magro, Mario Zammit, Karl Galea, l-affidavit tal-Avukat Ian
Micallef kif ukoll in-Nota tal-konvenut;

Ra l-Atti kollha tal-kawza kif ukoll id-dokumenti ezebiti;

Sema t-trattazzjoni tad-difensuri tal-attturi.

Ikkunsidra:

Illi din il-kawza si tratta dwar hsara f'*cable* tad-dawl proprjeta' tal-
Korporazzjoni  attrici liema hsara tammonta ghal elf mija u tmintax-il Lira
Maltin u disgha u ghoxrin centezmi ( LM1118.29.) u ghall-liema hsara is-
socjeta' attrici qed tallega li l-konvenut huwa responsabbli.

Skond ix-xhieda jidher illi l-konevut Daniel Borg kien il-kuntrattur
imqabbad biex  jaghmel ix-xoghlijiet tat-thaffir u  t-tqeghid ta' pajpijiet
fi Triq William Reid, Gzira, fl-2001.

It-Tribunal irrileva illi  wara t-thaffir fil-post tal-incident il-haddiema tal-
korporazzjoni kellhom jaghmlu xi *connections*  tal-ilma mall-*mains*.

Wara ftit li l-haddiema tal-Koprorazzjoni tas-servizzi tal-Ilma kienu bdew
jahdmu kien hemm spluzjoni fit-trinka u sussengwentement inqata' d-dawl
fl-inhawi.
Mir-Rapport tal-Pulizija jidher illi l-indagini taghhom wasslu ghal
konkluzjoni lli l-kagun  tal-hsara  kien il-konvenut Daniel Borg. Skond ix-
xhieda u rapport tal-Pulizija ezebit, il-konvenut kien iffirma karta fejn
ammetta li hu kien il-kawza tal-hsarat u li hu kien ha jaghmel tajjeb ghal
dawn il-hsarat. It-Tribunal irrilleva illi fix-xhieda tal-konvenut huwa kien
qal  illi kien imgieghel jiffirma da parti mill-Korporazzjoni attrici.

Mix-xhieda tat-*technical Officer* tal-Enemalta, Paul Galea li kien mar fuq il-post tal-incident kien qal illi l-hsara kienet sehhet fil-*cable* fejn jghaddi l-ilma u t-tqieghid tal-pajp mill-konvenut kien ezatt *parallel* mal-*cable* tal-Korporazzjoni. Huwa kien ra l-hsara fill-*cable* u qal ukoll illi l-hsara kienet

saret b'*pick* tal-idejn. Dan ix-xhud kien tkellem mall-konvenut fuq il-post u kkonkluda lli l-hsara kienet saret mill-konvenut. Huwa ssokta jghid illi l-*underground cable*, gie milqut accidentalment mill-konvenut.

Fix-xhieda ta' PS16 Martin Cordina it-Tribunal ra lli x-xhud esebixxa dikjarazzjoni iffirmata mill-konvenut fejn accetta li huwa responsabbli ghal hsarat li saru fil-*cable* f'William Reid Street, Gzira (Fol. 30). It-Tribunal jirrilleva lli din d-dikjarazzjoni giet kontestata mill-konvenut ghaliex kien qal li gie mgieghel jiffirmaha minn ufficjal tal-korporazzjoni ghaliex illi huwa kien inxurjat. Fl-istqarrija ezebita minn PS16 jinghad ille *a tempo vergine* Daniel Borg kien ammetta li l-hsarat kienu kkawzati minnu.

Mix-xhieda ta' Emanuel Fava ufficjal mall-Korporazzjoni tas-servizzi tal-Ilma jinghad illi l-haddiema kellhom jaghmlu biss xi *connections* mall-*main*. Qal ukoll illi l-haddiema tieghu ma kellhomx xoghol ta' thaffir.

Fix-xhieda ta' Mario Zammit li huwa *fitter* mall-korporazzjoni attrci qal illi xogholhom kien li jiffitjaw il-mains ma iehor, b'hekk isisr il-*connection*. Qal ukoll illi f'xoghlohom kien juzaw *cutter* izda din il-*cutter* taqta' biss il-pajpijiet u huma ma kienux uzaw ingenji bil-ponta. Huma ma kienux missew il-*cable*. L-Incident gie deskritt billi kif bdew jahdmu kien hemm qisu spluzjoni zghira u imbghad telgha d-duhhan minn gol-hofra ta' fejn kienu qed jahdmu.

Sema t-trattazzjoni tad-difensuri tal-atturi;

It-Tribunal huwa tal-fehma illi l-akkadut kien wiehed accidentali izda xi hadd huwa responsabbli ghal hsara li rrizultat. Il-Haddiema tas-socjeta' attrici iddikjaraw illi huma ma uzawx ghodda ta' thaffir u l-anqas ghodda bil-ponta u l-hsara fil-*cable* kien jikkonsisti f'daqqiet. L-Incident gara kif bdew jahdmu l-haddiema tas-socjeta' attrici.

It-Tribunal huwa konvint illi l-hsara fil-*cable* kienet saret qabel ma bdew jahdmu fuq il-*mains* tal-ilma u li ghalhekk il-hsarat fil-*cables* gew ikkawzati mill-konvenut li kien

ghadu kief lesta x-xoghol tieghu u meta bdew jahdmu l-haddiema tas-socjeta' attrici bla ma riedu inneskaw l-ispluzjoni.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi lli jilqa' t-talba attrici u jikkundanna l-konvenut jhallas is-somma ta' elf mija u tmintax-il Lira u disgha u ghoxrin centezmi (LM1118.29) lis-socjeta' attrici bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali prezentata fit-18 ta' Frar, 2003 u bl-imghaxijiet legali.

Spejjez a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------